MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 384/1995/1

**Mario Debattista**

**v.**

**Guido Debattista u George sive Genio Debattista f'isimhom proprju u ghan-nom tad-ditta Willis Bros.**

Il-Qorti

Rat l-att tac citazzjoni tal-attur Mario Debattista pprezentat fil-21 ta' Marzu 1995 li jaqra hekk:
"1. Premess illi l-attur kien fi shab jew socju ma' hutu l-konvenuti f'socjeta` mhux formalment kostitwita jew registrata li kienet tinnegozja taht l-isem "Willis Bros" f'Hal

Qormi, f’liema socjeta` kienu akkwistaw utili u assi u dahlu wkoll f’passivi u obbligazzjonijiet;

“2. U premess illi l-attur ma jixtieqx jibqa’ socju f’din is-socjeta`.

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. taccerta il-konsistenza tal-attivi u passivi tal-kontendenti kif fuq premess u f’isimhom proprju bhala socji tas-socjeta` “Willis Bros”;

“2. tiddividi l-assi u l-passivi fi tliet porzjonijiet egwali;

“3. tassenja lil kull wiehed mill-kontendenti kondividenti l-porzjoni ta’ assi u passivi hekk diviza;

“Bl-ispejjez u bl-imghax u bir-rizerva ta’ kull azzjoni fil-Ligi;

“Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:
“Illi t-talba attrici hija nulla billi jonqos talba ghax-xoljiment tad-ditta “Willis Bros.

“Illi f’dak il-kaz huma jaqblu li ghandu jkun hemm divizjoni tal-assi u l-passivi tas-socjeta` “Willis Bros.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili moghtja fis-16 ta’ Marzu 2010 li ghall-ahjar intendiment tal-kawza qed tigi riprodotta;

………….. Omissis …………..

“10. Qabel ma tqis il-meritu jinħtieġ li l-qorti tipprovdi dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti li tgħid illi l-azzjoni ma tiswiex “billi jonqos talba għax-xoljiment tad-ditta *Willis Bros*”.

"11 L-azzjoni nbdiet bil-proċedura taċ-ċitazzjoni; fuq il-formula stampata taċ-ċitazzjoni hemm talba ġenerika biex il-qorti tagħmel "id-dikjarazzjonijiet neċessarji" u tagħti "l-provvedimenti opportuni". Għalhekk, safejn kienet meħtieġa talba biex tinħall *Willis Brothers*, din it-talba hija impliċita, u n-nuqqas ta' talba speċifika ma jwassalx għan-nullità tal-azzjoni.

"12. Barra minn hekk, ma tistax issir talba "għax-xoljiment tad-ditta", għax "ditta" hija biss l-isem li bih persuna tmexxi negozju, u ma għandhiex personalità għaliha.

"13. L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda, u nistgħu ngħaddu biex inqisu l-meritu tat-talbiet tal-attur.

"14. L-espert komputista maħtur mill-qorti sab illi, fil-waqt meta ntemmet l-isħubija tal-attur fl-1991, in-negozju kellu dawn l-assi u djun:

"15. Assi:

"15.1.Proprjetà immobbli – maħżen fi Triq il-Mitħna, Ħal Qormi. Għalkemm il-partijiet kienu – u l-konvenuti baqgħu – jinqdew b'dan il-maħżen għan-negozju, fil-fatt il-maħżen huwa proprjetà tal-partijiet flimkien f'ishma ndaqs. Għalhekk, għalkemm il-konvenuti donnhom jippretendu illi l-attur għandu biss kreditu għas-sehem tiegħu minn kemm kien jiswa l-maħżen fl-1991, fil-fatt l-attur għandu sehem mill-proprjetà, u għalhekk il-qort sejra tordna illi l-qsim isir b'liċitazzjoni u l-partijiet jingħataw sehem indaqs mir-rikavat wara li jitħallsu jew ikunu paċjuti d-djun.

"15.2.Għodda – l-espert komputista qabel mal-istima tal-*accountant* tal-konvenuti li l-għodda tan-negozju kienu jiswew, għall-inqas fuq il-kotba, seba' mija u għoxrin lira (Lm720).

"15.3.*Stock-in-trade* – l-*accountant* tal-konvenuti xehdet li sar *stock taking* meta l-attur ħareġ min-negozju u nstab illi l-i*stock* dak i-ż-mien kien jiswa elfejn, tliet mija u tnejn u

erbgħin lira (Lm2,342); l-espert komputista kien tal-fehma li seta' joqgħod fuq din il-figura.

"15.4.Debituri tan-negozju – l-*accountant* semmiet ċifra ta' elfejn, tliet mija u ħdax-il lira (Lm2,311) li minnhom disa' mija u żewġ liri (Lm902) tgħid li ma daħlux fin-negozju għax inżammu mill-attur. L-espert komputista ma sabx prova ta' dan u l-qorti taqbel miegħu li ma nġibitx l-aħjar xiehda, li kienet tkun dik tad-debituri li jgħidu li d-dejn tagħhom man-negozju ħallsuh lill-attur u juru r-riċevuta relativa. Il-bilanċ tal-kreditu tan-negozju għalhekk għandu jonqos b'disa' mija u żewġ liri (Lm902) għal elf, erba' mija u disa' liri (Lm1,409).

"15.5.Flus kontanti – mija u disgħa u tmenin lira (Lm189). L-espert komputista kien tal-fehma li din iċ-ċifra hija waħda li raġjonevolment tista' tistenna li tinżamm fl-idejn għall-ħtiġiet tan-negozju.

"15.6.Avvjament – l-espert komputista kien tal-fehma illi, ladarba fis-snin ta' qabel ma telaq l-attur, in-negozju kien qiegħed jagħmel telf mhux qligħ, f'dak iż-żmien l-avvjament ma kien jiswa xejn.

"16. Djun:

"16.1.Kredituri – l-*accountant* tal-konvenuti semmiet somma ta' tnejn u għoxrin elf, mitejn u seba' liri (Lm22,207), u kompliet tfisser illi "l-maġġor parti ta' dan l-ammont kienu arretrati antiki ħafna tat-taxxa u tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u ammont żgħir kienu *trade creditors*", iżda ma tatx dettalji u ma semmietx kemm kellu jingħata lill-kredituri tan-negozju u kemm bħala taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali. L-espert komputista kien tal-fehma – u l-qorti taqbel miegħu – illi t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali huma djun personali tal-partijiet u ma jistgħux jitqiesu djun tan-negozju. L-espert komputista fisser ukoll illi fin-nuqqas ta' dokumenti ma jistax igħid kemm tassew kienu d-djun tan-negozju. Il-qorti, wara li qieset illi huwa raġjonevoli illi negozju jkollu kredituri, u qieset ukoll ix-xiehda ta' dawk il-kredituri li tressqu biex jixhdu – fosthom *Mizzi Brothers* u

*KPMG* – sejra *arbitrio boni viri* taċċetta l-figura ta’ ħamest elef lira (Lm5,000) bħala dejn tan-negozju.

“16.2.Dejn mal-banek – l-espert komputista wasal għall-figura ta’ ħmistax-il elf, mija u sitta u tmenin lira (Lm15,186), u l-qorti toqgħod fuqu.

“16.3.Self fuq l-idejn – l-*accountant* tal-konvenuti qalet li n-negozju kellu jagħti wieħed u għoxrin elf, sitt mija u sitta u ħamsin lira (Lm21,656) flus mislufa “fuq l-idejn”. L-espert komputista osserva li la ntwerew dokumenti u lanqas inġiebet xiehda oħra ta’ dawn id-djun, u anke l-*accountant* tal-konvenuti kellha toqgħod fuq dak li semgħet mingħand ħaddieħor. Il-qorti taqbel mal-espert komputista li ma tistax toqgħod fuq din il-figura u hija tal-fehma li għandha tammetti biss is-somma ta’ erbat elef, tmien mija u erbgħa u tmenin lira (Lm4,884) bilanċ mhux imħallas mid-dejn biex inxtara l-maħżen billi dan jidher minn kuntratt ta’ għarfien ta’ dejn tal-21 t’Awissu 1989. Tassew illi l-konvenuti qegħdin jippretendu wkoll l-imgħax fuq dan id-dejn, iżda, fil-fehma tal-qorti, ladarba dawn il-flus servew biex inxtara l-maħżen, u l-maħżen baqgħu jinqdew bih biss il-konvenuti u l-attur ma ħa ebda benefiċċju minnu, ma huwiex xieraq illi l-attur iħallas imgħax.

“17. L-attiv u l-passiv tan-negozju għalhekk huwa dan:

| Attiv: | Lm | Passiv: | Lm |
|---|---|---|---|
| Għodod | 720.00 | Kredituri | (5,000.00) |
| *Stock-in-trade* | 2,342.00 | Dejn mal-banek | (15,186.00) |
| Debituri | 1,409.00 | Dejn ieħor | (4,884.00) |
| Flus kontanti | 189.00 | | |
| B’kollox | 4,660.00 | | (25,070.00) |
| Bilanċ | | | (20,410.00) |

“18. In-negozju għandu valur passiv ta’ għoxrin elf, erba’ mija u għaxar liri (Lm20,410), u s-sehem ta’ kull wieħed mill-partijiet minn dan it-telf, billi huma tlieta, jiġi sitt elef, tmien mija u tliet liri u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm6,803.33).

"19. L-attur għalhekk għandu jagħti s-sehem tiegħu mit-telf lill-konvenuti. L-espert komputista iżda osserva – u mix-xiehda irriżulta – illi l-attur kien ħallas minn butu dejn ta' elf u mitt lira (Lm1,100) u kien ħa seba' mija u erbgħin lira (Lm740) mill-flus tas-soċjetà; għalhekk għandu jieħu tliet mija u sittin lira (Lm360) li għandhom jonqsu minn sehmu mit-telf, biex hekk l-attur jifdallu jagħti sitt elef, erba' mija u tlieta u erbgħin lira u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm6,443.33), jew ħmistax-il elf u tmien euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€15,008.92). Dan għandu jitnaqqas minn sehmu mir-rikavat tal-bejgħ tal-immobbli.

"20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tgħid illi l-assi tas-soċjetà informali tal-partijiet huma dawk imsemmija fil-para. 15, *supra*, u d-djun huma dawk imsemmija fil-para. 16 *supra*. Billi l-assi ewlieni – il-maħżen fi Triq il-Mitħna, Ħal Qormi – ma jistax jinqasam f'daqs kemm hemm ishma, dan għandu jinbigħ b'irkant wara li jiġi stmat mill-ġdid billi issa għadda ż-żmien fuq l-aħħar stima. Għalhekk taħtar perit arkitett li lilu jmiss it-turn skond l-elenku stabbilit fl-art. 89 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jagħmel u jippreżenta stima tal-immobbli, u taħtar ukoll irkantatur pubbliku li lilu jmiss it-turn skond l-elenku stabbilit fl-art. 89 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex imexxi l-irkant li għandu jsir fil-bini tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta nhar il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2010 f'12.00 *m.d.*, b'dan illi kull wieħed mill-partijiet għandu żmien ta' xahar millum sabiex jagħmel talba taħt l-art. 517 tal-Kodiċi Ċivili. Lill-attur jingħata sehem minn tlieta mir-rikavat b'dan illi minn dan is-sehem titnaqqas is-somma ta' ħmistax-il elf u tmien euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€15,008.92), li tingħata lill-konvenuti flimkien mal-ishma tagħhom, b'dan illi l-konvenuti weħedhom jibqgħu responsabbli għad-djun imsemmija fil-para. 16 tas-sentenza.

"21. L-ispejjeż jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (⅓) jħallsu l-attur u żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallsuhom il-konvenuti"

Rat ir-rikors tal-appellanti li permezz tieghu huma talbu il-bdil tas-sentenza b'dan il-mod;
"Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu fuq premess, filwaqt illi jaghmlu umli referenza ghall-provi u l-atti processwali kollha u jirrizervaw illi jipproducu provi ulterjuri u li jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri skont il-Ligi, l-appellanti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet fuq premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati: kif gej:

"1) Tiddikjara l-attiv u l-passiv tan-negozju kif gej:

| Attiv | Lm | Passiv | Lm |
|---|---|---|---|
| Ghodod | 720 | Kredituri | (9,021.51) |
| Stock in Trade | 2,342 | Dejn mal-banek | (15,186) |
| Debituri | 1,409 | Dejn iehor | (4,884) |
| Flus Kontanti | 189 | | |
| B'kollox | 4,660.00 | | (29,091.51) |
| Bilanc | | | (24,431.51) |

"2) Tiddikjara li ghalhekk, l-attur appellat ghandu jhallas lill-esponenti l-ammont ta' Euro 18,970.04.

"3) Illi ma' dan l-ammont, l-attur appellat ghandu jhallas ukoll l-ammont ta' Euro 49,406.69, li flimkien ma' l-ammont likwidat ta' Euro 18,970.04 ghandu jammonta ghal kreditu favur l-esponenti fis-somma ta' Euro 68,376.73.

"4) Illi ma' dan l-ammont jitnaqqas l-ammont ta' Lm1,100 li hallas l-attur appellat minn butu, li ghalhekk igib il-kreditu favur l-esponenti fis-somma ta' Euro 65,814.63.

"5) Tikkonferma l-kumplament tas-Sentenza appellata."

Rat ir-risposta tat-3 ta' Mejju 2010 li permezz taghha il-konvenut talab li din il-Qorti tichad it-talbiet tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza fl-intier taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJI TAL-ATTURI**

Qabel tittratta l-aggravji kollha wiehed wiehed, il-Qorti jehtigilha tippremetti tlett principji fondamentali tal-ordinament guridiku taghna li japplikaw ghal uhud mill-aggravji.

L-ewwelnett min jallega jrid jipprova – kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi;
"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'* (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim' Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

It-tieni meta din il-Qorti tigi mitluba biex tiddisturba l-valutazzjoni tal-ewwel Qorti tal-provi mressqa mill-partijiet, hija tista' taghmel dan biss f'kazijiet eccezzjonali. Dwar dan il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li *"il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjoniali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qat ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor"..*

Finalment kien necessarju f'din il-kawza li l-Qorti tahtar perit komputista. Fejn il-Qorti jkollha bzonn taghmel dan ir-raguni tkun li l-materja tkun komplessa u teknika wisq biex hija tiddecidiha wahedha u ghalhekk ikun mehtieg l-import ta' esperti fil-materja, u allura jkun kontro sens

ghall-Qorti li tiskarta leggerment il-konkluzjonijiet tal-istess perit li tkun hatret hija stess.

F'dan is-sens il-Qrati infatti esprimew ruhhom minghajr ezitazzjoni illi per ezempju kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza deciza fit-23 ta' Gunju 1967 fl-ismijiet **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et** *ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijiet taghha nnifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhala materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit-tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b'talba ta' nomina ta' periti addizjonali, jigi skartat facilment, ammenoke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi irragonevoli* (Ara wkoll **Josephine Micallef v. Louis Zammit,** deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 mill-Prim' Awla).

Premess dan, u fl-isfond tal-istess, il-Qorti se tghaddi biex tezamina l-aggravji tal-appellanti wiehed wiehed.

**L-EWWEL AGGRAVJU**

L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel Qorti naqset illi tinkludi l-imghaxijiet fuq is-somma ta' Lm740 illi l-attur ha mill-fondi tas-socjeta` tal-partijiet u allura naqset li thaddem dak li tiddisponi l-ligi fl-Artikolu 1657 (1) u (2) tal-Kodici Civili illi jghid illi;
"**1657** (1) Is-socju li obbliga ruhu li jqieghed fis-socjeta` somma ta' flus u jonqos milli jqeghidha, huwa *ipso jure* debitur tal-imghaxijiet ta' dik is-somma minn dak in-nhar li dik is-somma kellha tigi imhallsa minnu.

"(2) Dan igħodd ukoll għas-somom li s-soċju jieħu mill-kaxxa tas-soċjetà għal vantaġġ tiegħu partikolari, u l-imgħaxijiet ta' dawn is-somom igħaddu minn dak in-nhar li jkun hekk ħadhom.

L-appellat fir-risposta tieghu jissottometti illi dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami ghaliex, skont hu, l-

Artikolu 1644 et sequitur tal-Kodici Civili ma japplikawx ghas-socjeta` li kellhom bejniethom il-partijiet. L-Artikolu 1644 jghid illi;
“**1644.** Is-soċjetà hija kuntratt li bih tnejn min-nies jew iżjed jiftiehmu li jqiegħdu xi ħaġa in komun, sabiex jaqsmu l-qligħ li b’hekk jistgħu jieħdu.”

Din il-Qorti ma tarax li jista’ jkun hemm xi dispozizzjonijiet ohra tal-ligi illi japplikaw ghat-tip ta’ xirka li riedu jaghmlu l-partijiet f’din il-kawza u ma jidhirx li x’imkien fl-atti hija ipotizzata xi forma ta’ socjeta` ghajr dik definita f’dan l-artikolu. Ma hemmx lanqas kwistjoni li s-somma ta’ Lm740 ma ttihditx mill-attur biex juzaha ghall-iskop li kellu bzonn hu u anke s-sentenza appellata fil-paragrafu 19 taghha irrikonoxxiet dan. Ghalhekk dan l-aggravju huwa gustifikat u skont id-dispozizzjoni tal-Kodici Civili indikata kellu jigi mahdum l-imghax fuqha; ghalhekk it-talba fir-rikors tal-appell biex l-appellat ihallas imghaxijiet ekwivalenti ghas-somma ta’ **€2,550.13** ulterjuri se tigi milqugha.

**IT TIENI AGGRAVJU**

It tieni aggravju huwa dwar id-djun tan-negozju fejn l-appellanti jsostnu li l-ammont ta’ Lm5,000 li gie likwidat mill-Qorti ‘arbitrio boni viri’ kien zghir wisq meta, skont huma, ghall-inqas is-somma ta’ aktar minn Lm9,000 gie pruvat li kienet dovuta lill-KPMG, Richard Formosa u United Acceptance Finance Ltd bejniethom.

Il-Qorti sa certu punt taqbel mal-appellat li l-Qorti bilfors kellha taghmel hekk minhabba nuqqas ta’ dokumentazzjoni provduta, madankollu taqbel li d-djun indikati mill-appellanti – ossija dawk l-ammonti dovuti lill KPMG, lil Richard Formosa u lil United Acceptance Finance fuq imsemmija mill-appellanti saret prova taghhom fid-dokumentazzjoni esebita u li ghalihom hemm riferenza fir-rikors tal-appell u ghalhekk se tilqa’ dan l-aggravju u zzid is-somma dovuta mid-djun ghan-negozju ghal **Lm9,021.51 ekwivalenti ghal €21, 014.47**.

**IT TIELET AGGRAVJU**

L-appellanti lmentaw illi l-ewwel Qorti ma inkluditx l-imghax fuq id-dejn biex inxtrat il-propjeta` li minnha tmexxa n-negozju in kwistjoni; il-Qorti dan kienet konsapevoli minnu u ddikjarat illi ghamlet dan biex tpaci ghall-fatt li l-appellanti ghamlu uzu mill-mahzen in kwistjoni ghal dawn is-snin kollha minghajr ma hallsu kera lill-appellat li ma dahhal xejn minnu nonostante l-fatt li huwa ko-propjetarju tieghu (ghandu terz invidiz daqs il-partijiet l-ohra).

Din il-Qorti wara li hasbet fit-tul dwar dan il-kwezit tasal biex taqbel mal-mod kif il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha. L-appellat ma jistax jigi penalizzat ghaliex iddecieda li jieqaf milli jkompli bis-socjeta` mal-appellanti; u fil-waqt li huwa minnu li l-appellanti kellhom dritt bhala kopropjetarji li jaghmlu uzu mill-mahzen, fl-istess hin l-appellat ma kien qed jaqla’ xejn min-negozju u lanqas mill-mahzen. Ghalhekk billi ghal dan it-tul ta’ zmien l-appellanti kienu qed jaqilghu mill-propjeta` u huma ma kienu qed ihallsu xejn taghha lill-kopropjetarju l-iehor (l-appellat) allura huwa gust li l-imghax relattiv ghad-dejn ghandu jpaci ghal dan; kwindi dan l-aggravju huwa michud.

## IR RABA’ AGGRAVJU

Ir-raba’ aggravju huwa dwar il-fatt li, skont l-appellanti, huma hallsu somma ta’ €14,520 lill-eredi ta’ zijuhom Joseph Debattista li kien sellifhom il-flus biex ihallsu ghal parti mill-prezz tal-mahzen. Dan sar wara li kien sar ir-rapport tal-espert komputista ghaliex Joseph Debattista miet fil-frattemp. L-appellat isostni li fil-fatt dan l-ammont kien inkluz mad-djun ohra kif indikati mis-sentenza appellata. Ezami tas-sentenza u tal-atti jindikaw li l-appellat ghandu ragun. Il-Qorti ammettiet bhala dejn is-somma ta’ Lm4,884 rikonoxxuta permezz ta’ skrittura privata li saret fl-1989 u dan jindika li l-Qorti fil-fatt inkludiet dan id-dejn, ghalkemm fuq l-istess ragunament ta’ qabel dwar l-uzu tal-proprjeta` ma ziditx l-imghaxijiet fuqu. Ghalhekk dan l-aggravju huwa wkoll michud.

## IL-HAMES AGGRAVJU

Dan l-aggravju huwa dwar l-*overdrafts* mal-banek fejn l-appellanti jghidu illi l-ewwel Qorti naqset li tqis fost dawn id-djun illi taghhom l-appellat ghandu johrog sehmu. L-appellanti jsostnu li dan l-ammont jinkludi s-somma ta' aktar minn €19,000 ghall-ammonti li gia` hargu huma bejn l-1991 u l-2007 u li jikkostitwixxi sehem l-appellat; €2,450.0 mid-dejn li jibqa' peress li jridu ihallsuhom huma wara li tinghata s-sentenza finali u €5,996.0 li huwa sehem l-appellat minn ammont li huma hargu minhabba li nhargu fil-konfront ta' George Debattista u Willis Garage mandati ezekuttivi mill-Bank of Valletta.

Dan l-aggravju huwa sintomatiku ta' dak li gara sa mill-1991 sa issa; cioe` minn meta l-attur appellat iddecieda li jtemm is-shubija; huwa baqa' ma jhallas xejn mid-djun ghaliex ma kellux interess li jaghmel dan fil-waqt li l-appellanti li baqghu ghaddejjin bin-negozju kellhom invece kull interess li jhallsu d-djun ghaliex dan kien l-uniku introjtu taghhom u allura ma setghux ihallu n-negozju jieqaf. Wiehed forsi ma jlum lil hadd mill-partijiet izda naturalment kulhadd irid issa jkun responsabbli ghal ghemilu.

L-argument li ressaq l-appellat fir-risposta tieghu hija l-istess bhal dik li ressaq fir-rigward tal-mahzen; izda f'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax taqbel mieghu ghal kollox ghaliex dan ma hux argument li jista' japplika ghal kull sitwazzjoni. Madankollu f'dan l-aspett il-Qorti strahet fuq dak illi irrelata l-espert komputista u fuq l-iskorta ta' dak li gia` intqal din il-Qorti ma hijiex se tiddisturba dak l-apprezzament hlief ghas-somma imsemmija ta' €5,996.58 ghaliex ma hemmx dubbju li l-appellanti kienu kostretti jaghmlu dak il-hlas ghal dejn li kien jappartjeni lis-socjeta` bejn il-kontendenti.

## IS SITT U SEBA' AGGRAVJU

Dawn l-aggravji jikkoncernaw allegazzjonijiet ta' djun ohra u arretrati ta' taxxa u kontribuzzjonijet tas-Sigurta` Socjali.

F'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel li l-appellanti naqsu li jressqu provi biex jikkonvincuha li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti kif saru mill-ewwel Qorti u ghalhekk dawn l-aggravji se jkunu michuda.

**IL-PROPJETA` IMMOBBLI**

Ghalkemm mhux imsemmija fir-rikors tal-appell, id-difensur tal-appellati ghamlet riferenza ghall-fatt li l-Qorti ordnat il-bejgh tal-immobbli (il-mahzen) a bazi tal-istima li hemm fl-atti u argumentat li l-attur appellat ma ghandux jircievi t-terz tal-prezz kurrenti izda dak tal-1991. Ghal kull buon fini il-Qorti qed tiddikjara li ma taqbilx ma dan l-argument u ma tara ebda mod iehor kif l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi l-kawza fir-rigward. Il-partijiet huma kopropjetarji ta' terz kull wiehed u ghandhom dritt jircievu sehemhom mill-bejgh tal-propjeta` meta tinbiegh.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-ewwel aggravju u ghalhekk tordna l-hlas tal-imghaxijiet hemmhekk mitluba ammontanti ghas-somma ta' Lm2,550.13; tilqa' t-tieni aggravju u ghalhekk l-ammont indikat fil-paragrafu 17 tas-sentenza appellata u fl-iskeda relattiva li tipprecedi l-parti finali tas-sentenza appellata ghandha taqra Lm9,021.51 ossija €21,014.47 minflok Lm5,000. Fir-rigward tal-hames aggravju tilqghu limitatament ghas-somma ta' €5,996.58 ghar-ragunijiet gia` msemmija; tichad l-aggravji l-ohra u ghalhekk l-ammont li ghandu jitnaqqas minn sehem l-attur appellat biex jinghata lill-konvenuti appellanti f'sehem indaqs bejniethom u flimkien mas-self rispettiv taghhom ghandu jkun ta' €32,920.10 minflok dak likwidat mill-ewwel Qorti (u cioe` €15,008.92); mill-bqija tikkonferma l-istess sentenza b'dan l-irkant ghandu jsir il-Hamis, 30 ta' Jannar 2014 f'nofsinhar fl-edificcju tal-Qorti; it-terminu gia indikat fis-sentenza appellata fir-rigward tal-Artikolu 517 tal-Kap. 16 ghandu jibda jiddekorri millum.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif hemm decizi u dawk tal-appell nofs ($^{1}/_{2}$) ghall-appellanti u nofs ($^{1}/_{2}$) ghall-appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------